

Brussell, 9 ta' Frar 2022
(OR. en)

6083/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0025 (NLE)

FDI 1

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 38 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fiċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 38 final.

Mehmuż: COM(2022) 38 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2022
COM(2022) 38 final

2022/0025 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fiċ-Ċentru
Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Amministrattiv taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investment (ICSID) b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-regoli emendati tal-ICSID¹. L-adozzjoni se tipproduċi effetti legali fuq il-prattika tat-trattati tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-Interess Partikolari tal-Unjoni Ewropea fl-ICSID

Attwalment, 155 Stat huma stati kontraenti tal-ICSID, u 26 minnhom huma Stati Membri tal-Unjoni. L-Unjoni Ewropea ma hijiex membru tal-ICSID innifsu. Madankollu, l-Unjoni Ewropea inkorporat ir-Regoli ta' Arbitraġġ u r-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investment kollha tagħha li jinkludu regoli dwar il-protezzjoni tal-investment². Skont ftehimiet bħal dawn, ir-regoli tal-ICSID jistgħu japplikaw f'tilwim dwar l-investment mibdi minn investituri tal-UE kontra pajjiżi terzi, minn investituri mhux tal-UE kontra Stati Membri tal-UE jew, wara l-emendi proposti, f'tilwim imressaq kontra l-Unjoni skont ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID. Għalhekk, l-Unjoni għandha interess partikolari fir-riforma tar-regoli tal-ICSID.

2.2. ICSID

L-ICSID huwa istituzzjoni li tagħmel parti mill-Grupp tal-Bank Dinji. Huwa istituzzjoni indipendenti u depolitiċizzata għas-soluzzjoni ta' tilwim. L-objettivi tal-ICSID huma:

- (a) il-provvediment ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim għal tilwim bejn investituri u Stati permezz ta' konċiljazzjoni, arbitraġġ jew ġbir ta' informazzjoni,
- (b) l-amministrazzjoni ta' dan it-tilwim, u
- (c) il-promozzjoni ta' investment internazzjonali billi tiġi pprovduta fiduċja fil-proċess tas-soluzzjoni ta' tilwim.

Il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim tal-ICSID huwa disponibbli għat-tilwim bejn investituri u Stati u għat-tilwim bejn Stati u Stati fil-qafas tat-trattati dwar l-investment u l-ftehimiet kummerċjali, tal-liġijiet domestiċi dwar l-investment u skont il-kuntratti ta' investment konklużi bejn l-Istati u l-investituri barranin. L-ICSID jaġixxi wkoll bħala reġistru amministrattiv.

¹ Jiġifieri, ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-ICSID, ir-Regoli tal-Istituzzjoni, ir-Regoli ta' Arbitraġġ, ir-Regoli ta' Konċiljazzjoni, ir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali, ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Faċilità Addizzjonali, ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Faċilità Addizzjonali, ir-Regoli ta' Konċiljazzjoni tal-Faċilità Addizzjonali, ir-Regoli ta' Ġbir ta' Informazzjoni, ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji ta' Ġbir ta' Informazzjoni, ir-Regoli ta' Medjazzjoni, ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Medjazzjoni.

² Ara l-Artikolu 8.23(2) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada, l-Artikolu 3.33(2) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam u l-Artikolu 3.6(1) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u Singapore. L-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, li l-Unjoni hija parti minnu, jippermetti wkoll l-applikazzjoni tar-Regoli tal-ICSID.

2.3. L-atti previsti tal-ICSID

Is-Segretarjat tal-ICSID beda proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma tar-Regoli taċ-Ċentru fl-2018. Matul is-snin 2018-2021, saru diskussjonijiet intensivi bejn is-Segretarjat u l-Istati Membri tal-ICSID abbażi ta' ħames abbozzi suċċessivi ta' regoli riveduti. L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, ipparteċipat b'mod attiv fil-proċess ta' konsultazzjoni, ikkoordinat il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u ppreżentat kemm-il darba kummenti bil-miktub dwar l-abbozzi tat-testi f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha. Bħala riżultat ta' dan il-proċess, l-emendi u t-testi ġodda li ġejjin, li jipproduċu effett legali fuq il-prattika tat-trattati tal-Unjoni Ewropea, se jitressqu għall-votazzjoni tal-Kunsill Amministrattiv permezz ta' proċedura bil-miktub skedata li tagħlaq fit-21 ta' Marzu 2022:

2.3.1. Emendi għall-Proċedimenti tal-Konvenzjoni tal-ICSID

L-emendi jinkludu emendi għar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-ICSID, għar-Regoli tal-Istituzzjoni tal-ICSID, għar-Regoli ta' Arbitraġġ tal-ICSID u għar-Regoli ta' Konċiljazzjoni tal-ICSID.

Fost il-bidliet sostantivi ewlenin, hemm rekwiżit ġdid li tiġi inkluża deskrizzjoni tas-sjeda u l-kontroll tal-investment fi ħdan it-talba għall-arbitraġġ jew il-konċiljazzjoni, l-obbligu li jiġi ddivulgat il-finanzjament minn partijiet terzi, it-titjib tar-regoli rigward l-iskwalifika tal-arbitri, l-ispejjeż tal-proċedimenti, iċ-ċaħda bikrija ta' talbiet bla bażi, il-qsim fi tnejn tal-proċedimenti, kif ukoll skedi ta' żmien riveduti. Dispożizzjoni ġdida tindirizza espliċitament talbiet għas-sigurtà tal-ispejjeż. It-trasparenza tal-proċedimenti ġiet imsaħħa kemm jista' jkun mingħajr il-ħtieġa ta' emenda tal-Konvenzjoni tal-ICSID. Huwa propost ukoll sett ġdid ta' regoli għal proċedimenti mħaffa ta' arbitraġġ.

2.3.2. Emendi għall-Proċedimenti tal-Faċilità Addizzjonali

L-emendi jinkludu bidliet fir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID, fir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID, fir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID u fir-Regoli ta' Konċiljazzjoni tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID.

Il-kamp ta' applikazzjoni eventwali tar-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali huwa estiż għal tilwim dwar l-investment li fih la l-intimat u lanqas l-Istat tar-rikorrent ma jkun Partijiet Kontraenti tal-ICSID, kif ukoll għal tilwim li jinvolvi Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-bidliet li saru fir-Regoli ta' Arbitraġġ u ta' Konċiljazzjoni tal-ICSID huma riflessi wkoll fir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID riveduti, b'dispożizzjonijiet kemxejn aktar ambizzjużi dwar it-trasparenza.

2.3.3. Emendi għall-Proċedimenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID

Il-bidliet jikkonċernaw ir-Regoli ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID, kif ukoll ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID. Qed jiġi propost sett ta' regoli ta' ġbir ta' informazzjoni awtonomi aġġornati li permezz tagħhom il-partijiet litiganti jistgħu jitolbu b'mod konġunt lil Kumitat għall-ġbir tal-informazzjoni sabiex dan iwettaq proċediment speċifiku ta' ġbir ta' informazzjoni.

2.3.4. Proposta għal Regoli ġodda ta' Medjazzjoni tal-ICSID

Qed jiġi propost sett ġdid ta' Regoli ta' Medjazzjoni tal-ICSID, flimkien mar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji rilevanti, bħala tweġiba għat-talbiet mill-Istati u mill-investituri biex ikun hemm kapaċità akbar għall-medjazzjoni. Ir-regoli ta' medjazzjoni għandhom kamp ta' applikazzjoni wiesa' u jistgħu, bil-kunsens dovut, japplikaw għal kwalunkwe proċediment

ta' medjazzjoni relatat ma' investiment li jkun jinvolvi Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-emendi li l-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID se jintalab jivvota dwarhom se jindirizzaw xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fis-sistema attwali ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investituri u l-istati. Ta' min wieħed jinnota li, b'mod parallel mal-proċess ta' riforma tal-ICSID, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jaħdmu biex tinħoloq qorti multilaterali tal-investment permanenti, li tissostitwixxi s-sistema attwali ta' arbitraġġ dwar l-investment b'mekkaniżmu permanenti. Bħalissa qed issir ħidma biex tinħoloq qorti multilaterali tal-investment fi ħdan il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) u din hija mistennija li tiġi konkluża fl-2026. Fl-isfond tal-Unjoni Ewropea, qorti tal-investment permanenti biss se tindirizza b'mod suffiċjenti u komprensiv il-problemi kollha li jirriżultaw mis-sistema attwali ta' arbitraġġ *ad hoc* dwar l-investment. Madankollu, sakemm tiġi stabbilita qorti multilaterali, is-sistema attwali ta' arbitraġġ dwar l-investment se tkompli tapplika u kwalunkwe titjib fir-regoli tagħha għandu jintlaqa' tajjeb. Għalhekk, il-Kunsill għandu jappoġġa l-emendi proposti għar-Regoli tal-ICSID.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi dan li ġej: *“Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u ta' Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta deċiżjoni li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim u li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-ewwel nett, l-Artikolu 218(9) TFUE jirrikjedi korp stabbilit minn ftehim internazzjonali li għandu s-setgħa li jistabbilixxi regoli jew li jadotta deċiżjonijiet fil-kuntest ta' dan il-ftehim. Il-kliem *“f'korp imwaqqaf bi ftehim”* jindika li d-*“dispożizzjoni tikkonċerna l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tagħha, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha jew, skont il-każ, permezz tal-Istati Membri tagħha li jaġixxu solidament fl-interess tagħha, fl-adozzjoni ta' dawn l-atti fi ħdan l-istanza regolatorja kkonċernata”*³.

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika indipendentement minn jekk l-Unjoni Ewropea tkunx membru tal-korp jew parti għall-ftehim⁴. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li *“[m]eta l-qasam ikkonċernat jidħol fil-kompetenza tal-Unjoni [...] l-assenza tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-ftehim internazzjonali inkwistjoni ma tipprekludihex milli teżerċita din il-kompetenza billi tistabbilixxi, fil-kuntest tal-istituzzjonijiet tagħha, pożizzjoni li għandha tittieħed f'isimha fi*

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill vs Il-Kummissjoni, C-73/14, ECLI:UE:C:2015:663, il-paragrafu 63.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

ħdan il-korp maħluq minn dan il-ftehim, b'mod partikolari bil-medjazzjoni tal-Istati Membri li huma partijiet tal-imsemmi ftehim li jaġixxu in solidum fl-interess tagħha.”⁵

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-atti previsti li jemendaw ir-regoli tal-ICSID jissodisfaw dawn il-prinċipji.

L-ewwel nett, il-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID, li hija l-korp li jivvota fuq l-emendi, hija korp imwaqqaf minn ftehim, skont l-Artikolu 218(9) TFUE. L-Artikolu 7 attwali tal-Konvenzjoni tal-ICSID u r-Regolament 7 tar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-ICSID jesprimu r-rwol tal-Kunsill Amministrattiv, fost l-oħrajn, fl-emendar tar-regoli tal-ICSID. Il-Kunsill Amministrattiv għandu s-setgħa li jistabbilixxi regoli jew jadotta deċiżjonijiet fil-kuntest tal-ftehimiet tal-ICSID. Il-Kunsill Amministrattiv mhux qed jaġixxi indipendentement mill-partijiet iżda permezz tal-Istati Kontraenti tiegħu (ara l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni tal-ICSID).

It-tieni, l-atti previsti huma “*atti li jkollhom effetti legali*”, skont l-Artikolu 218(9) TFUE. Il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim tal-ICSID huwa applikabbli fil-ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-investment tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha⁶. B'mod partikolari, wara l-adozzjoni tal-emendi, ir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID potenzjalment se jsiru applikabbli fit-tilwim mibdi kontra l-Unjoni Ewropea li fih il-miżuri adottati mill-Unjoni huma s-suġġett tat-tilwima u li fihom l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat. Għalhekk, l-emendi tar-Regoli tal-ICSID għandhom effetti legali fuq il-funzjonament u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni u fuq it-tmexxija ta' proċedimenti legali li għalihom l-Unjoni tkun parti.

Fil-qosor, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-atti previsti sabiex l-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-ICSID, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Primarjament, il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. “*Skont ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi ġuridika ta' att Komunitarju trid tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju, fosthom, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att*”⁷. (*din mhijiex traduzzjoni oriġinali*)

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni tal-atti previsti huwa relatat mal-aġġornament u l-emendar tar-regoli eżistenti tal-ICSID, jiġifieri r-riforma tar-regoli għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment użati mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha f'diversi ftehimiet tal-UE.

⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 52.

⁶ Ara l-Artikolu 8.23(2) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada, l-Artikolu 3.33(2) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u l-Vjetnam u l-Artikolu 3.6(1) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-UE u Singapore. L-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, li l-Unjoni hija parti minnu, jippermetti wkoll l-applikazzjoni tar-Regoli tal-ICSID.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-281/01, ECLI:EU:C:2002:761, il-paragrafu 33.

Skont l-Artikolu 207 TFUE, l-investiment dirett barrani huwa parti mill-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni Ewropea. Il-ftehimiet internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE li jirreferu għar-regoli tal-ICSID jipprovdu protezzjoni għall-investiment dirett barrani u ġew adottati (jew awtorizzati fil-każ ta' ftehimiet ta' investiment tal-Istati Membri tal-UE⁸) abbażi tal-Artikolu 207 tat-TFUE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-investiment dirett barrani huwa kompetenza esklużiva tal-Unjoni, filwaqt li l-investiment barrani mhux dirett u s-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment jikkostitwixxu kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha⁹.

Għalhekk, jenħtieġ li l-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

4.3. Konklużjoni

Bħala konklużjoni, jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Fl-isfond tal-interess pubbliku fir-riforma tas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investituri u l-istati u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni għat-trasparenza, huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi ppubblikata wara t-tlestija tal-proċedura ta' votazzjoni fil-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID fil-21 ta' Marzu 2022.

⁸ Ara r-Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jstabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u terzi pajjiżi.

⁹ L-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, ECLI:EU:C:2017:376, il-paragrafu 293.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fiċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID se jivvota dwar l-emendi tar-regoli tal-ICSID, li se jkollhom effetti legali għall-finijiet tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE permezz ta' proċedura bil-miktub skedata li tiġi konkluża fil-21 ta' Marzu 2022.
- (2) L-Unjoni Ewropea ma hijiex membru tal-ICSID. Madankollu, l-Unjoni dejjem inkorporat r-regoli tal-ICSID fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tagħha li jipprevedu l-protezzjoni tal-investment u s-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment, permezz ta' referenza.
- (3) Fl-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017¹⁰, il-Qorti ċċarat li l-investment dirett barrani jaq' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni filwaqt li l-kompetenza fuq l-investment barrani mhux dirett u t-tilwim dwar l-investment hija kondiżiva bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (4) Permezz tar-riforma tar-regoli tal-ICSID, ir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID se jsiru potenzjalment applikabbli għal tilwim mibdi kontra Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika bħall-Unjoni Ewropea. L-Unjoni tuża wkoll ir-regoli tal-ICSID fit-trattati tagħha u dawn jistgħu jintużaw minn investituri tal-Unjoni f'każijiet imressqa kontra pajjiżi terzi, minn investituri mhux tal-Unjoni kontra l-Istati Membri tal-Unjoni jew mill-Unjoni nnifisha meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti tal-Konvenzjoni tal-ICSID¹¹. Għalhekk, l-emendi tar-regoli tal-ICSID se jkollhom effetti legali fuq il-funzjonament u l-applikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni u fuq it-tmexxija ta' proċedimenti legali li għalihom l-Unjoni tista' tkun parti. L-Unjoni, għalhekk, għandha interess partikolari fir-riforma tar-regoli tal-ICSID.
- (5) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-GRECO. Dawn l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-Kunsill Amministrattiv u jivvutaw dwar ir-regoli emendati fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub.

¹⁰ L-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, ECLI:EU:C:2017:376

¹¹ Bħalissa dan mhuwiex possibbli fir-rigward tal-Unjoni peress li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma jistgħux ikunu membri tal-ICSID, fin-nuqqas ta' emenda għall-Konvenzjoni ICSID.

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-emendi previsti tar-regoli tal-ICSID sabiex l-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-ICSID, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID.
- (7) Fil-kuntest tal-Proċedimenti tal-Konvenzjoni ICSID, l-emendi jaġġornaw u jiżviluppaw ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-ICSID, ir-Regoli tal-Istituzzjoni tal-ICSID, ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-ICSID u r-Regoli ta' Konċiljazzjoni tal-ICSID. Fost l-oħrajn, l-emendi se jwasslu għal aktar trasparenza tal-proċedimenti, jiċċaraw id-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċaħda bikrija ta' talbiet bla bażi u s-sigurtà għall-ispejjeż, u jimplimentaw l-obbligi ta' divulgazzjoni għall-finanzjament ta' partijiet terzi.
- (8) Fil-kuntest tal-Proċedimenti tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID, l-emendi proposti jaġġornaw u jiżviluppaw ir-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID, ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID u r-Regoli ta' Konċiljazzjoni tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID. Il-biċċa l-kbira tal-emendi li saru fil-proċedimenti tal-Konvenzjoni tal-ICSID se jkunu riflessi wkoll fir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Proċedimenti tal-Faċilità Addizzjonali se jiġi estiż biex jinkludi wkoll fost l-oħrajn tilwim li jinvolvi l-Organizzazzjonijiet Reġionali għall-Integrazzjoni Ekonomika.
- (9) Fil-kuntest tal-Proċedimenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID, l-emendi proposti jaġġornaw u jiżviluppaw Regoli ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID awtonomi u Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji ta' Ġbir ta' Informazzjoni tal-ICSID.
- (10) Fil-kuntest tal-Medjazzjoni tal-ICSID, il-proposta ta' riforma tistabbilixxi sett ġdid ta' Regoli ta' Medjazzjoni tal-ICSID u r-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Medjazzjoni tal-ICSID.
- (11) Il-Kummissjoni, flimkien mal-gvernijiet tal-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-ICSID, ħadet rwol ewlieni fin-negozjati tar-regoli aġġornati, abbażi tal-pożizzjonijiet maqbula tal-Unjoni. L-emendi jindirizzaw it-tfassil attwali espress fir-rigward tas-sistema eżistenti għas-Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati u jtejbju sostanzjalment ir-Regoli u r-Regolamenti tal-ICSID.
- (12) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni skont din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-oġġettiv ewlieni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li titkompla l-ħidma biex tinholq qorti tal-investiment multilaterali permanenti li tissostitwixxi s-sistema attwali ta' arbitraġġ dwar l-investiment b'mekkaniżmu permanenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, l-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ICSID għandhom jesprimu l-aċċettazzjoni tagħhom tal-emendi tar-regoli tal-ICSID matul il-proċeduri ta' votazzjoni bil-miktub mibdiya mill-President tal-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID fl-20 ta' Jannar 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara t-tlestija tal-proċedura ta' votazzjoni fil-Kunsill Amministrattiv tal-ICSID.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-ICSID.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*